# FIL-QORTI ĊIVILI – SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## IMĦALLEF

## ONOR. IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum it-Tnejn 06 ta' Diċembru 2021

Rikors Nru. **96/2021 ISB**

**RIKORS tal-Avukat Kris Borg (ID 10768M) bhala mandatarju specjali ta' Ahmed Amine Bourgheda (Numru tal-Passaport 09P198983) u ta' l-Avukat Arthur Galea Salamone (ID 299662M) bhala mandatarju specjali ta' Jean-Francois Desire Alain Buret (Numru tal-Passaport 16CR79295).**

***Dan huwa provvediment finali moghti in camera dwar rikors illi pprezentaw tal-Avukat Kris Borg (ID 10768M) noe u l-Avukat Arthur Galea Salamone (ID 299662M) noe ai termini tal-Artiklu 132 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta.***

Il-Qorti;

Rat ir-rikors tal-Avukat Kris Borg (ID 10768M) bhala mandatarju specjali ta' Ahmed Amine Bourgheda (Numru tal-Passaport 09P198983) u ta' l-Avukat Arthur Galea Salamone (ID 299662M) bhala mandatarju specjali

ta' Jean-Francois Desire Alain Buret (Numru tal-Passaport 16CR79295), li permezz tieghu talbu, ghar-ragunijiet u premessi hemmek elenkati, sabiex ai termini tal-Artiklu 132 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta,

i. *Tittratta u tiddeciedi dan ir-rikors b'urgenza;*

ii. *Tordna li tissejjah laqgfha generali tas-socjeta` Pessoa One Limited fid-data, l-hin u l-lok li tistabilixxi din l-istess Qorti,*

iii. *Tordna illi l-agenda ghal tali laqgha ghandha tkun il-hatra ta' Joao Marques Pinto, resident il-Portugal u li ghandu numru tal-Passaport Portugiz XXXXXXX bhala direttur tas-socjeta` Pessoa One Limited;*

iv. *Tawtorizza lill-azzjonisti tas-socjeta` I ghal tali laqgha jkollhom id-dritt jahtru persuna ohra bhala prokuratur taghhom biex jattendu ghal laqgha, jivvutaw minnflokhom u generalment li tali prokuraturi ikollhom id-drittijiet infraskritti fl-artikolu 133 tal-KAP 386.*

Rat id-digriet taghha tas-17 ta' Novembru 2021;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-kawza li saret fl-1 ta' Dicembru 2021;

Rat l-atti kollha, inkluz ir-rikors ta' Alfonso Paulo Fernandes Duart Loureiro tal-24 ta' Novembru 2021 u d-digriet relattiv ghaliha moghti l-ghadha 25 ta' Novembru 2021.

Rat id-dokumenti esebiti fl-istess seduta.

## Ikkunsidrat:

Illi minn dak premess mir-rikorrenti u mill-fatti illi l-Qorti ghandha quddiemha, jirrizulta illi r-rikorrenti noe huma azzjonisti fis-socjeta` **Pessoa One Limited (C-72937)** u bejniethom ghandhom sittin fil-mija (60%) tal-ismha "A" ordinarji fl-istess socjeta`.

Illi certu Alfonso Paulo Fernandes Duart Loureiro ghandu r-rimanenti erbghin fil-mija (40%) u sal-25 ta' Ottubru 2021, kien ukoll l-uniku direttur tal-kumpannija. Fid-data msemmija skada t-terminu tieghu ta' direttur u ma giex mgedded, ghaliex ir-rikorrenti vvutaw kontra t-tigdid.

Illi l-ismha "A" msemmija huma l-unici ismha bi dritt tal-vot fil-laqghat generali tal-azzjonisti, u bil-vot taghhom tal-25 ta' Ottubru 2021, il-

kumpannija giet issa miongħajr direttur. Biex dan isisr hemm bzonn illi ssir laqgha generali tal-azzjonisti bl-iskop appuntu illi jinhatar direttur gdid, izda ma hemmx direttur *in office* sabiex ikun jista' jsejjah tali laqgha. Huwa ghalhekk illi qed isir l-odjern rikors.

**Ikkunsidrat ulterjorment illi:**

Mill-kopja tal-*Memorandum and Articles of Association* tal-kumpannija Pessoa One Limited (DOK A ppresentat dl-udjenza tal-1 ta' Dicembru 2021) jirrizulta illi fil-fatt ir-rikorrenti noe ghandhom 60% tal-ismha "A" tal-kumpannija (3 minn hames Ordinary A shares) u li l-bord tad-direttur tal-kumpannija jista' jigi kompost minn direttur wiehed wahdu sa' massimu ta' sitta.

Ulterjorment jirrizulta mid-*draft minutes* tal-laqgha generali annwali tal-25 ta' Ottubru 2021 illi r-rikorrenti noe ma vvutawx ghar-*re-election* tad-direttur wahdani li kellha l-kumpannija, ossia, Alfonso Paulo Fernandes Duarte Loureiro.

Mid-dokumenti C (a fol 31) jirrizulta mbaghad illi l-imsemmi Joao Marques Pinto kien qieghed jaccetta illi jigi nominat u eventwalment mahtur direttur wahdani tal-kumpannija Pessoa One Limited.

**L-Artiklu 132(1) tal-Kap 386** li abbazi tieghu r-rikorrenti ressqu l-istanza tal-lum jaqra hekk :

> *Jekk ghal xi raguni ma jkunx prattikabbli li tissejjah laqgha ta` kumpannija bil-mod li bih jistghu jissejhu laqghat tal-kumpannija, jew li jitmexxew il-laqghat ta' dik il-kumpannija bil-mod stabbilit bl-istatut jew b'dan l-Att, il-qorti tista', jew minn rajha jew fuq it-talba ta' xi wahda mill-partijiet fil-procedimenti waqt dawk il-procedimenti jew, fin-nuqqas ta' xi procedimenti, fuq rikors ta' xi direttur tal-kumpannija jew ta' xi membru tal-kumpannija li jkollu dritt jivvota fil-laqgha, tordna li laqgha tal-kumpannija tissejjah, tinzamm u titmexxa b'dak il-mod li l-qorti jidhrilha xieraq, u meta jinghata xi ordni bhal dan, tista' taghti dawk id-direttivi ancillari jew konsegwenzjali li jidhrilha xieraq, inkluza d-direttiva illi membru wiehed tal-kumpannija prezenti personalment jew bi prokura jitqies li jikkostitwixxi laqgha.*

*Il-**Prof. Andrew Muscat**, fil-ktieb tiegħu1 jgħid hekk meta jirriferi għall-Art 132(1) tal-Kap 386:*

> *General meetings may also, in particular circumstances, be convened, held and conducted as directed by the Civil Court. The court may exercise this power if, for any reason, it is impracticable (i) to call a meeting of a company in any manner in which meetings of the company may be called or (ii) to conduct the meeting in the manner prescribed by the articles or the Companies Act. The court should be entitled to direct that a meeting be held when it is impossible to hold a general meeting because of the persistent absence of a quorum at general meetings …..*
>
> *Indeed the legislative provision is designed to empower the court to ensure that meetings are held but not to alter the result that is likely to follow from that meeting.*
>
> *Where however the provisions of the articles are cynically exploited by some shareholders to block an effective meeting, the court should be able to exercise its powers.*
>
> *The court may exercise its power … on the application of any director of the company or of any member of the company who would be entitled to vote at the meeting.*
>
> *The court may order that the meeting be called, held and conducted in such manner as it thinks fit, and it may, whenever any such order is made, give such ancillary or consequential directions as it thinks expedient, including a direction that one member of the company present in person or by proxy is to be deemed to constitute a meeting.*

**L-Art 139 (3) u (4) tal-Kap 386** igħidu:

> *(3) Kemm-il darba ma jkunx provdut xort'oħra bil-memorandum jew bl-istatut tal-kumpanija, id-diretturi ta'kumpanija, barra mill-ewwel diretturi, għandhom jinħatru b'riżoluzzjoni ordinarja tal-kumpanija f'laqgħa ġenerali.*

---

[1] *Principles of Maltese Company Law, pg 1045*

*(4) Meta d-detenturi ta' klassi partikolari ta' azzjonijiet ikollhom id-dritt li jaħtru direttur wieħed jew iżjed, skont il-memorandum u l-istatut tal-kumpanija, dik il-ħatra għandha ssir mill-membru jew mill-membri li b'kollox ikollhom mhux inqas minn hamsin fil-mija tal-valur nominali ta' l-azzjonijiet rappreżentati u bil-jedd tal-vot fil-laqgħa tad-detenturi tal-azzjonijiet ta' dik il-klassi.*

Peress illi ai termini tal-istatut tal-kumpannija de quo, huwa mehtieg illi direttur jew diretturi isejjhu laqgha generali, u peress illi fl-istat li qeghda il-kumpannija llum ma jirrizultax illi din ghandha diretturi, allura l-intervent tal-Qorti fuq talba tal-azzjonisti isir necessarju. Il-Qorti qed tifhem illi r-rikorrenti, qua azzjonisti, ma jistghux jezercitaw id-dritt taghhom li jinnoninaw direttur gdid, peress illi sabiex isir dan jinhtieg tinzamm laqgha generali u sabiex tinzamm tali laqgha, irid ikun hemm direttur li jsejjaha – direttur illi llum ma hemmx.

Il-Qorti qieset ukoll l-Artiklu 133 tal-KAP 386 tal-Ligijiet ta' Malta li jitkellem dwar il-prokuri, hekk kif issir referenza ghalih fir-raba' talba maghmula.

**L-Artiklu 133 tal-KAP 386** jibda, fl-ewwel subartikolu tieghu, biex ighid:

*Minkejja dak kollu li jkun jinsab fil-memorandum jew fl-istatu ta' kumpanija, kull membru li jkollu dritt imur u jivvota f'laqgħa tal-kumpanija jew f'laqgħa ta' xi klassi ta' membri tal-kumpanija jkollu dritt li jaħtar persuna oħra, tant membru kemm le, bħala prokuratur tiegħu biex imur u jivvota minfloku, u prokuratur hekk maħtur ikollu l-istess dritt tal-membru li jitkellem fil-laqgħa u li jitlob votazzjoni.*

Isegwu mbaghad subincizi ohra.

Il-Qorti, meta qieset l-atti kollha, jidhrilha illi huwa f'loku, in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u dak hawn fuq kkunsidrat, illi tilqa' u takkolji t-talbiet tar-rikorrenti kif u bil-mod li hawn taht jinghad.

**GHALDAQSTANT**, ghar-ragunijiet hawn fuq moghtija, il-Qorti qeghda tghaddi sabiex tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti noe. hekk:

1. **Tastjeni** milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba, anke jekk tqis illi ttrattat dan ir-rikors b'heffa u minghajr telf ta' zmien.

2. **Tilqa'** t-tieni talba u tordna illi tissejjah laqgha generali tas-socjeta` Pessoa One Limited ghal nhar **l-Erbgha 15 ta` Dicembru 2021 fl-4.00 p.m.** liema laqgha generali ghandha ssir fl-ufficju legali tal-Avukat Kris Borg, **28/16, Vincenti Buildings, Strait Street, Valletta**.

3. **Tilqa'** t-tielet talba u tordna illi l-agenda ghall-laqgha hawn fuq ordnata ghandha tkun BISS in-nomina u l-eventwali hatra ta' direttur gdid ghall-istess kumpannija Pessoa One Limited, fl-isem ta' **Joao Marques Pinto**, detentur tal-karta tal-identita` Portugiza 06423401 0 ZX1, residenti Rua Maria Eugenia Reis Ferreira Navarro, 3, 2710-588, Sintra, il-Portugall.

4. **Tawtorizza** lill-azzjonisti tas-socjeta` Pessoa One Limited li ghal tali laqgha jkollhom id-dritt jahtru persuni ohra bhala prokuratur taghhom biex jattendu ghal laqgha, jivvutaw minnflokhom u generalment li tali prokuraturi ikollhom id-drittijiet u l-obbligi infraskritti fl-artikolu 133 tal-KAP 386.

Spejjes ta' dawn il-proceduri jkunu a karigu tar-rikorrenti noe.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imhallef**

**Marisa Bugeja**
**Deputat Registratur**